

# Il-Kunċett Veru tal-Ġiħad Iżlamiku





Taħdita tal-Mexxej tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, fit-23 ta' Awwissu 2008, fil-Konvenzjoni Annwali tal-Komunità Aħmadija fil-Ġermanja, lill-mistednin li ma kinux membri tal-Komunità.

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana



**Ħażrat Mirża Gulam Aħmad**
**Il-Messija Mwiegħed**

Il-Komunità Aħmadija fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 200 pajjiż. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna; is-sħubija hi stmata li tlaħħaq il-mija u sebgħin miljun ruħ.

Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Kadjan fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-Maħdi u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġislazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Profeta Muħammad, il-Paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu ipprattikah mingħajr ebda alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet. Spejga li l-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba.

Il-Messija Mwiegħed kiteb aktar minn 84 ktieb, li huma mimlija b'għerf divin, spiritwali u importanti, għandhom it-tagħlim morali wkoll. Hu wkoll għamel ħafna taħditiet fuq aspetti differenti. Il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu, miet fis-26 ta' Mejju tal-1908. Wara li ħalla din id-dinja fl-1908, l-istituzzjoni ta' Kalifat reġgħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Aħmadija Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Khalifatul Masiħ V (il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed).

**Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd**

# Il-Kunċett Veru tal-Ġiħad Iżlamiku



Lill-għeżież mistiedna,

*Assalamu alaikum warahmatullah wabarakatuhu*
Il-Paċi u l-Barka ta' Alla jkunu magħkom ilkoll

Amir Saħib (il-President tal-Komunità fil-Ġermanja) qalli li ilkom bilqiegħda hawn għal din l-aħħar siegħa, u naħseb li intom għajjenin, imma s-suġġett li talabni nitkellem dwaru llum għandu jeħodli bejn 30 u 35 minuta, anke jekk fittixt li nqassru kemxejn. Fil-passat ġew organizzati okkażjonijiet simili hawnhekk iżda sfortunatament ma stajtx nattendi.

Is-suġġett li Amir Saħib talabni niddiskuti, jew biex ngħid kelmtejn dwaru, huwa l-'**Ġiħad**', għaliex huwa suġġett li qiegħed iqanqal interess kbir fid-dinja u kif, b'konsegwenza t'hekk, id-dinja mhux Iżlamika qed temmen li l-Iżlam huwa reliġjon tal-estremiżmu u t-terrur.

Fil-fatt, xi nies jistqarru li minħabba t-terroriżmu, l-Iżlam qiegħed iħarbat il-paċi fid-dinja. Huwa ta' sfortuna kbira li hemm għadd ta' nies li ma għandhomx ideat ċari biżżejjed tat-tagħlim Iżlamiku u qegħdin iferrxu ma' kullimkien din l-idea żbaljata. Minħabba f'hekk, xi nies ta' livell ta' edukazzjoni għoli li mhumiex Musulmani qed jagħmlu konnessjoni bejn il-kunċett tal-ħajja wara l-mewt u l-ġenna u l-infern mal-Musulmani estremi, terroristi u *suicide bombers* (li jemmnu li hemm xi forma ta' *shortcut* għall-ġenna għal nies bħalhom). Allura r-riżultat, ix-xewqa għall-mewt sabiex tinkiseb il-ħajja fil-ġenna, żvolġa f'kunċett stramb tal-Ġiħad u l-mewt f'isem Alla, li wassalhom biex jaqbdu s-sejf u joħolqu d-diżordni fid-dinja. Dawn il-gruppi fil-verità huma prodott sekondarju ta' dan il-kunċett u t-tagħlim.

Hu x'inhu l-każ, waqt li nammetti li xi atti li saru minn ċerti Musulmani injoranti u entużjasti żżejjed mingħajr dubju taw impressjoni ħażina għalkollox tat-tagħlim Iżlamiku, għandi wkoll insemmi li l-kitbiet miktuba kontra l-Iżlam, mingħajr il-fehim ġenwin tal-kunċetti Iżlamiċi, ippreżentaw l-istess ideat żbaljati tal-Ġiħad Iżlamiku.

Madankollu, jiena ser nipprova nippreżenta t-tagħlim proprju tal-Iżlam kif imfisser mill-Fundatur tal-*Ahmadiyya Muslim Community*[1], Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[2] (Hadhrat Mirza Ghulam Ahmad) li nemmnu li hu l-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu, skont l-għarfien tiegħu tal-Koran Imqaddes, it-tradizzjonijiet tal-Profeta Qaddis, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, u l-istorja tal-Iżlam.

Qabelxejn, jiena ser nispjega l-kunċett veru tal-Ġiħad, fi kliem il-Messija ta' dak iż-żmien. Għaddew mitt sena minn mindu l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija ħalliena. Għalhekk, ħadd ma jista' jgħid li l-Komunità Aħmadija, wara li tat tweġiba b'mod ġenwin u sabiħ għall-impressjonijiet żbaljati li ntqalu fuq is-suġġett f'dawn iż-żminijiet, issa qiegħda tippreżenta xi ħaġa ġdida. Għall-kuntrarju, dan huwa l-istess tagħlim misjub fil-Koran Imqaddes,

Il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta' Alla tkun miegħu) jistqarr:

"***It-tixrid tal-idea fost il-Musulmani li jattakkaw lil dawk in-nies li jħaddnu reliġjonijiet oħra, u li huma jsejħulha Ġiħad, mhijiex gwerra legali, għaliex huwa ċar li qed tmur kontra l-kmandament ta' Alla u l-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u dan hu dnub kbir.***[3]"

---

1 Il-Komunità Aħmadija Musulmana.

2 Il-Profeta Qaddis tal-Iżlam Muħammad, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, bassar li kellu jiġi l-Messija Mwiegħed u l-Maħdi (Gwida) sabiex jirriforma t-tagħlim Iżlamiku.

3 Il-Gvern Britanniku u l-Ġiħad, Ruħani Khaża'in*, is-17-il volum, paġna 17.

* Ruħani Khaża'in hu s-sett tal-kotba tal-Messija Mwiegħed, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-paċi ta' Alla tkun miegħu 1835-1908; għandu 23 volum u aktar minn 84 ktieb.

Issa, araw, il-kliem 'Ġiħad legali' użat mill-Fundatur tal-Komunità Aħmadija, xi jfissru?

Sabiex nifhmu dan, fil-qosor irridu nagħtu ħarsa lejn il-kundizzjonijiet eżistenti f'dik il-parti tal-Arabja fejn il-Fundatur tal-Iżlam, il-Profeta Qaddis Muħammad (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) xandar il-missjoni Divina tiegħu u stieden in-nies għall-Iżlam.

Irridu niftakru li dawk in-nies kienu illitterati u mhux ċivilizzati. Il-mibegħda kienet tinbet minn sitwazzjonijiet redikoli u ta' mingħajr importanza iżda minħabba f'hekk kienu jibqgħu joqtlu lil xulxin għal ħafna snin.

Meta l-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) afferma li huwa l-Profeta ta' Alla għax hekk ġie rivelat lilu, u stieden lill-Għarab biex jersqu lejn Alla wieħed li huwa l-Uniku Alla, l-intelliġenti fosthom, li ftit minnhom kienu qraba tiegħu, nies fqar u lsiera, ħaddnu l-Iżlam.

Meta dan il-moviment kiber, dawk minn Mekka li ma ħaddnux dan it-tagħlim żiedu l-persekuzzjoni tagħhom; il-krudeltà kibret tant li dawk li jemmnu kienu mġiegħla jimteddu fuq ir-ramel jikwi tal-Arabja. Filwaqt li ġebel jikwi kien jitqiegħed fuq sidirhom, kienu jissawtu; saqajhom u jdejhom kienu jintrabtu ma' żewġt iġmla li mbagħad kienu jinsaqu f'direzzjonijiet opposti biex joftqu lil ġisimhom.

Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u l-grupp ta' nies li emmnu fih u li kellu miegħu ġew eżiljati f'wied; la ikel u lanqas ilma ma seta' jingħatalhom. L-imsieħba tiegħu kienu jgħidu li la sejrin imutu xorta waħda, mela għaliex ma jmutux jiġġieldu? Wara kollox, dawn il-Musulmani wkoll evolvew minn fost dawk li kienu lesti li joqtlu u jxerrdu d-demm għall-aktar sitwazzjonijiet trivjali. Imma meta xi ħadd kien jgħid: "Agħtina l-permess niġġieldu", il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) kien jgħid li hu ma kienx ikkmandat biex jiġġieled, imma biex ikun paċenzjuż.

Din il-paċenzja ma kinitx sforz id-dgħufija; anzi, l-istorja aktar tard uriet li ftit mijiet ta' fidili rnexxielhom jegħlbu l-forza ta' eluf. Din il-paċenzja ntweriet biss minħabba li l-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ma kienx ikkmandat minn Alla li jista' kollox biex jiġġieled. Fl-aħħar, il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ħalla lil xi maħqurin jemigraw, u mbagħad, wara ftit taż-żmien, huwa wkoll emigra lejn Medina; sa dak iż-żmien kien hemm xi abitanti ta' dik il-belt li kienu diġà saru Musulmani. Mal-wasla tiegħu, ammont imdaqqas ta' nies ħaddnu l-Iżlam.

Il-Profeta Qaddis, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, beda jiftiehem ma' tribujiet u nies ta' twemmin differenti, u fosthom kien hemm xi Lhud. Huwa stabbilixxa Stat fejn kulħadd kien mogħti l-libertà. Jekk xi ħadd kien ikkastigat għal xi reat, dak il-kastig kellu jingħata skont ir-reliġjon ta' dak li jkun u skont il-ġurisprudenza reliġjuża. **Madankollu, bħala membri tal-Istat, kulħadd kellu drittijiet ugwali.**

F'okkażjoni waħda, tribù Lhudi ġie mkeċċi minħabba li ma żammx mal-ftehim li kien għamel. Dak iż-żmien, kien hemm xi Musulmani ta' Medina li kienu wiegħdu minn qabel it-twelid tat-tarbija li kien imiss, li din jagħtuha lil-Lhud sabiex titrabba minnhom. Minħabba l-wegħda, issa li dawk l-ulied kellhom it-twemmin Lhudi, kienu fost dawk il-Lhud li tkeċċew. Il-Musulmani tal-lokal, li dak iż-żmien kienu diġà ħaddnu l-Iżlam, ippruvaw iżommu lura lil dawn it-tfal (milli jiġu mkeċċija), imma l-Profeta Qaddis, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, ma aċċettax u qalilhom: **"M'hemmx sfurzar fir-reliġjon**,[4] għalhekk, ma tistgħux iżżommuhom (milli jitilqu)." Dan jindika sa liema estrem mar sabiex jieħu ħsieb id-drittijiet tal-bnedmin.

Minkejja dan kollu, l-allegazzjonijiet miġjuba kontra l-Profeta Qaddis, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, huma, Allaħares qatt, li ferrex it-terrur. Il-mistoqsija hi li meta hu magħruf li l-Musulmani kienu f'dawn ix-xorta ta' kundizzjonijiet li ma setgħu jagħmlu xejn u kienu qegħdin jiġu abbużati b'mod krudili (imsemmija aktar 'il fuq), għaliex allegazzjoni bħal din kienet qiegħda ssir kontra l-Profeta u l-Musulmani?

Għadni kemm semmejt fil-qosor il-kundizzjonijiet li kienu jeżistu f'dik il-ħabta. Anke f'dawn il-kundizzjonijiet, meta l-Musulmani emigraw lejn Medina u bdew jgħixu relattivament fis-sliem, hawnhekk ukoll, in-nies ta' Mekka ppersegwitawhom, ġrew warajhom, u attakkawhom. L-ewwel taqbida hija magħrufa bħala l-Battalja ta' Badr. F'dak iż-żmien, il-Musulmani kienu f'kundizzjoni li la kellhom riżorsi u lanqas apparat għall-ġlied, filwaqt li kontrihom kien hemm armata ppreparata sewwa.

Dawn iċ-ċirkostanzi mhuma moħbija minn ħadd u huma miktuba fl-istorja. X'setgħu jagħmlu dawk in-nies mhux imħarrġa u mingħajr esperjenza (waqt il-battalja)? Xi wħud minnhom kienu għadhom biss żgħażagħ.

Iżda, meta l-għedewwa riedu jxejnu 'l-Musulmani, Alla li jista' kollox tahom struzzjonijiet biex jiddefendu lilhom infushom. Għalhekk, ġie rivelat dan il-vers Koraniku kkwotat aktar 'l isfel li, skont l-istoriċi, huwa l-ewwel kmandament li jittratta dwar il-ġlied.

4 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 2, Vers 257.

Imma nistedinkom tħarsu lejn il-ġmiel tal-versi tiegħu u tifhmu l-għan wara l-permess li ngħata biex jibda l-ġlied; Alla jgħid:

***Dawk li jiġu attakkati jingħatalhom il-permess li jiġġieldu biex jiddefendu rwieħhom, għaliex tkun saret inġustizzja kontrihom – u Alla tabilħaqq għandU s-Setgħa li jgħinhom – il-permess jingħata lil dawk ukoll li jitkeċċew minn djarhom inġustament għaliex jistqarru: "Sidna huwa Alla"; u li kieku Alla ma jagħtix wiċċ lil xi wħud bil-għajnuna ta' nies oħra kieku tabilħaqq kienu jiġġarrfu l-kunventi, il-knejjes, is-sinagogi u l-moskej li fihom jissemma u jitfakkar ħafna l-Isem ta' Alla. Tabilħaqq li Alla jgħin lil dak li jgħinU. Alla huwa tassew Qawwi, Setgħan.[5]***

Alla jgħid li jekk il-permess ma jingħatax għad-difiża, kieku l-paċi tas-soċjetà tiġi meqruda. Anke llum, kull min hu f'sensih, irrispettivament mit-twemmin li jħaddan, jgħid li dan ir-raġunar huwa tassew validu. Din id-deċiżjoni hija biżżejjed biex tiġġustifika:

1. L-ewwel raġuni hija li jekk xi ħadd jiġi attakkat għandu d-dritt li jiddefendi lilu nnifsu.

2. It-tieni, jekk b'riżultat ta' tirannija, xi poplu jkun imġiegħel jemigra jew jiġi mkeċċi minn daru inġustament, u anke jekk ikun ippersegwitat u ma jħalluhx imexxi fil-kwiet lil pajjiżu, allura, huwa raġonevoli li dan jirritalja kontra l-inġurji kkawżati lilu.

3. It-tielet, l-oppressuri ma jillimitawx lilhom infushom għall-ewwel vittmi biss; fil-fatt, ir-regħba tagħhom tkompli tiżdied. Mingħajr ma jagħtu kas x'reliġjon wieħed iħaddan, huma jippruvaw ikomplu jassru; jippruvaw jaħkmu bliet oħrajn, irħula u pajjiżi. Għalhekk, iż-żejjed huwa żejjed. Minħabba f'hekk, huwa importanti li jitneħħa l-ħażen minn għeruqu sabiex titwaqqaf din il-krudeltà fil-bidu tagħha.

Dan il-permess għall-ġlied, għalhekk, kien għall-protezzjoni u biex jassigura l-paċi. Imbagħad, jekk inħarsu lejn in-nies li magħhom intom awtorizzati tiġġieldu, Alla, li Jista' Kollox, fil-Koran Imqaddes jgħid hekk:

***U ġġieldu f'isem Alla kontra dawk li jiġġieldu kontrikom, imma ma għandkomx tiksru l-kmandament. Żgur, Alla ma jħobbx lil dawk li ma josservawx il-kmandament Tiegħu.[6]***

Hawnhekk jidher biċ-ċar li l-kmandament tal-Ġiħad kien biss kontra dawk li ġġieldu f'isem il-fidi u li riedu jikkonvertu 'l ħaddieħor bis-sejf, bħalma kien ġara fiż-żmien f'Mekka, fejn dawk li ma emmnux attakkaw lill-Musulmani u ppruvaw jeqirdu 'l-Iżlam.

Issa, l-allegazzjoni li l-kunċett Iżlamiku tal-Ġenna wassal lill-Musulmani biex ikunu aggressivi u ostili u ħeġġiġhom biex jagħmlu użu mill-Ġiħad, hija wkoll inġusta.

Fil-vers li għadni kemm ikkwotajt, Alla li Jista' Kollox qal biċ-ċar li Hu ma jħobbx lil min ma josservax il-kmandament. Jekk Alla ma jħobbx persuna, m'hemmx mod li din tidħol il-Ġenna. Il-mistoqsija hi: Kif għandu wieħed jittratta atti ta' trasgressjoni? Dan huwa wkoll tagħlim uniku. Jekk wieħed ma jemminx f'Alla li Jista' Kollox, u jekk wieħed ma għandux il-biża' t'Alla f'qalbu, allura ma jistax jilħaq livelli tant għoljin.

Alla li jista' kollox jgħid hekk fil-Koran Imqaddes:

***Intom li temmnu, kunu sodi (fil-qadi ta' dmirijietkom) lejn Alla, u (kunu) xhieda bil-ħaqq. La tħallux li l-mibegħda tagħkom għal xi nies (għedewwa tagħkom) tinċitakom timxu b'mod ieħor u ma timxux bil-ħaqq. Kunu dejjem ġusti, (għaliex) dan huwa eqreb lejn it-tjubija. U ibżgħu minn Alla; Alla tabilħaqq jaf sew b'dak li tagħmlu.[7]***

Dan il-vers jgħidilna li jekk intom għandkom twemmin sod, allura aġixxu skont il-kmandamenti ta' Alla li Jista' Kollox, kunu ġusti u ibqgħu tal-istess fehma. X'inhuma l-ħtiġijiet tal-ġustizzja? Qabel kollox, aġixxu skont it-tagħlim tal-Iżlam u kunu mudell għal ħaddieħor.

Jista' terrorist ikun mudell u xempju eżemplari għal ħaddieħor? F'dawn iż-żminijiet, mhux biss dawk li mhumiex Musulmani, imma anke l-maġġoranza tal-Musulmani ma jaqblux mat-terroristi jew mas-*suicide bombers*. Għalhekk, huma biss l-għemejjel it-tajba li jattiraw lill-oħrajn, u mhux l-għemejjel il-ħżiena.

F'dan il-vers ukoll, fost il-ħafna għemejjel tajba li Musulman ġie mitlub jagħmel, għemil wieħed tajjeb li fuqu waqqgħet l-attenzjoni tagħna jirrigwardja l-għedewwa.

Fil-qosor semmejt il-kundizzjonijiet li kienu jeżistu qabel l-emigrazzjoni u dawk li eżistew warajha.

---

5 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 22, Versi 40-41.

6 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 2, Vers 191.

7 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 5, Vers 9.

Issa, f'dak il-kuntest, ikkunsidraw dan il-kmandament, li jgħid li l-mibegħda tan-nies ma għandhiex tbiegħdek mill-ġustizzja. Wieħed jista' jara li t-tagħlim Iżlamiku qiegħed hemm biex jistabbilixxi l-ġustizzja. Jekk hemm il-gwerer, għandhom xorta jirrispettaw il-liġi; pereżempju, huwa kkmandat li jekk żammejt il-priġunieri, trid tittrattahom sewwa. Imbagħad, jekk l-għadu jċedi l-armi, il-ġustizzja trid tiġi mħarsa – u, aktar minn hekk, huwa neċessarju li biex il-paċi tirrenja – il-ġlied għandu jintemm immedjatament.

Għall-kuntrarju ta' dan, f'dan iż-żmien taċ-ċiviltà, nistgħu naraw li jekk żewġ naħat qegħdin jiddiskutu t-tmiem ta' gwerra bejniethom, fl-aħħar mumenti, (jista' jiġri li) naħa minnhom tqanqal biża' kbir fin-naħa l-oħra billi tibbumbardjaha bla waqfien. Għalhekk l-aktar naħa b'saħħitha mbagħad tkun tista' ġġiegħel lin-naħa d-dgħajfa biex taċċetta l-kundizzjonijiet li timponilha.

Alla li Jista' Kollox jiggwida lill-Musulmani billi jiddikjara:

**“**

***U jekk (l-għedewwa) imilu lejn is-sliem, mela għandkom tagħmlu hekk intom ukoll, u afdaw f'Alla. Huwa tabilħaqq Dak li Jisma' kollox u Jaf kollox.[8]***

**”**

It-tagħlim hu li tafda f'Alla, għaliex jista' jagħti l-każ li l-għadu joffri idu biss biex jerġa' jissaħħaħ u mhux għax ikollu intenzjonijiet tajba. Madankollu, inti ordnat li toffri idek b'sinjal ta' paċi u tafda f'Alla, u tirtira mill-ġlied immedjatament. Ma tistax tagħti preċedenza 'l-istrateġiji militari.

Għalhekk, waqt it-trattat ta' *Hudaibiyyah* (il-ftehim li kien iffirmat bejn il-Musulmani u n-nies ta' Mekka meta marru għall-Ħaġġ[9]), minkejja l-insistenza ta' dawk li kienu jakkumpanjawh, u minkejja li kienu minn fuq, il-Profeta Qaddis Muħammad, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, aċċetta l-kundizzjonijiet tan-nies ta' Mekka li ma kinux jemmnu. Anki l-invażjoni ta' Mekka seħħet ukoll minħabba li dawk li ma emmnux kienu kisru t-trattat.

Iżda minkejja l-fatt li l-Musulmani issa kienu r-rebbieħa, min ma użax l-armi fuqhom seta' jgħix fil-paċi u jżomm it-twemmin tiegħu. Anke l-aktar għedewwa ħorox ingħataw il-maħfra. Dawn il-fatti mhumiex moħbija; l-istorja tixhidhom. Anki ħafna mill-istoriċi tal-Orjent semmew dawn il-ġrajjiet.

Jaħasra! Minkejja dan kollu, xi politiċi u l-midja



fil-Punent ma qagħdux lura milli jqiegħdu l-Iżlam, il-Koran u l-Profeta Qaddis, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, fil-mira tagħhom, bħall-karikaturi tal-Profeta Qaddis(il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) f'ċerti gazzetti u l-istqarrijiet li għamel membru parlamentari fl-Olanda li wkoll ipproduċa film, fejn attakka l-Koran u l-Profeta Qaddis il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu.

Il-Musulmani jqisu lil kwalunkwe profeta, is-sliem u l-barka ta' Alla jkunu fuqhom ilkoll, imsemmi f'liema ktieb reliġjuż li jkun, bħala Profeta vera. Għaldaqstant, l-ebda Musulman, u allura l-ebda Musulman Aħmadi[10] li jemmen fil-Messija Mwiegħed ta' din l-era, mhu mistenni li jinsulta jew itebba' ġieħ ħaddieħor. Mill-Koran Imqaddes, aħna tgħallimna li bħala Profeti ta' Alla, il-Profeti kollha huma meqjusa ndaqs. Aktar minn hekk, Alla jgħid: **“Jiena bgħatt il-Profeti lill-popli kollha.”[11]** Għalhekk, aħna mingħajr ma noqogħdu naħsbuha, naċċettaw lil kull profeta li ntbagħat lil xi nazzjon li jafferma li dak il-Profeta ntbagħat fosthom. Inċidentalment, aħna nifħmuha li dan hu l-uniku mod biex tinżamm il-paċi fid-dinja f'dan iż-żmien. Is-sentimenti ta' kull reliġjon u poplu għandhom ikunu rispettati.

Diġà għedtilkom f'liema sitwazzjonijiet jew taħt liema kundizzjonijiet il-gwerra hi permessa. Imma l-mistoqsija hija din: Il-gwerer f'isem ir-reliġjonijiet huma permessi f'dawn iż-żminijiet? U jekk le, x'inhu s-sinifikant tal-Ġiħad? U x'inhi l-interpretazzjoni tal-Ġiħad skont il-Musulmani Aħmadin?

**Imma qabel inwieġeb, nixtieq ngħid li l-gwerer tal-aħħar sekli kienu prattikament politiċi u ġeografiċi fin-natura tagħhom, u rari kienu kawża tar-reliġjon. Barra minn hekk, matul l-aħħar seklu, żewġ gwerer dinjija ġew miġġielda fejn fihom il-Musulmani ma kellhom l-ebda sehem, u dawn (il-gwerer) saru minħabba interessi politiċi.**

8 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 8, Vers 62.

9 Il-pellegrinaġġ tal-Musulmani għal Mekka.

10 Musulman Aħmadi (pl.-Aħmadin) huwa membru tal-Komunità Aħmadija Musulmana.

11 Il-Koran Imqaddes, Kapitlu 10, Vers 48.

Qabel ma nakkużaw l-Iżlam li huwa reliġjon tat-terroriżmu, il-ġustizzja tirrikjedi li dawk li jagħmlu l-akkużi għandhom jikkunsidraw ukoll il-kawżi taż-żewġ gwerer dinjin li għadni kif semmejt.

Hu x'inhu l-każ, fil-qosor nixtieq nippreżenta d-definizzjoni tal-Ġiħad, kif mogħtija mill-Fundatur tal-Komunità Aħmadija, u ngħid kif wieħed jista' japplikaha għalih fiż-żminijiet tal-lum.

F'din id-dinja żviluppata ta' din l-era, kulħadd għandu l-jedd li jipprattika, li jipprietka u jistqarr twemminu. Fi kliem ieħor, iċ-ċirkustanzi għall-gwerra li semmejt ma jeżistux aktar. Allura, x'inhi din l-għagħa kontra l-Ġiħad?

Għalhekk għandi nispjega t-tip ta' Ġiħad li l-komunità tagħna temmen fih f'dawn iż-żminijiet tal-lum. Aktar minn mitt sena ilu, il-Fundatur tal-Komunità Aħamdija wieġeb hekk lil kritiku li ressaq oġġezzjoni relatata mal-Ġiħad:

> *Dan il-kritiku semma l-Ġiħad tal-Iżlam u jaħseb li l-Koran iħeġġeġ il-Gwerra Qaddisa mingħajr riżervi. Ma jistax ikun hemm xniegħa falza aktar minn hekk. Il-Koran jippermetti biss taqbid kontra dawk li jżommu n-nies ta' Alla milli jemmnu, jaċċettaw ir-reliġjon tiegħU, u jżommuhom milli joqogħdu għall-Kmandamenti ta' Alla u milli jadurawH. Alla jippermetti t-taqbid kontra dawk li jitqabdu kontra l-Musulmani mingħajr raġuni u dawk li jbiegħdu lil dawk li jemmnu minn djarhom u artijiethom; u dawk li jisfurzaw lill-kreaturi ta' Alla fir-reliġjonijiet tagħhom; u dawk li jridu jxejnu l-Iżlam u jżommu n-nies milli jħaddnu r-reliġjon Musulmana.*[12]

Imbagħad meta tkellem dwar il-ħakma Britannika fuq is-subkontinent (l-Indja u l-Pakistan), il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta' Alla tkun miegħu, qal:

> ***Il-fatti dwar din il-kwistjoni huma li l-Gvern ma jindaħalx fir-reliġjon tal-Iżlam u d-drawwiet reliġjużi tiegħu u lanqas ma juża s-sejf biex jippromwovi r-reliġjon tiegħu. Skont it-tagħlim tal-Koran Imqaddes, huwa kontra l-liġi li tiġġieled kontra gvern simili għaliex dan ma għandux x'jaqsam mal-ebda gwerra reliġjuża.***[13]

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija jiddikjara wkoll:

> ***Xi Musulmani slavaġ jirreferu għat-tixrid tad-demm krudil bħala Ġiħad, u ma jafux li meta tikkonfronta ħakkiem ġust, din tissejjaħ ribelljoni u mhux Ġiħad. Barra minn hekk, persuna li ma żżommx wegħda, u li tikkommetti l-ħażen minflok twettaq il-ġid u li tikkastiga l-innoċenti tissejjaħ tirann u mhux ġeneral rebbieħ.***[14]

Allura, dan huwa t-tagħlim veru tal-Iżlam kif imfisser lilna mill-Messija ta' din l-era, li jrid jistabbilixxi fis-sod il-paċi u jrid jagħni d-dinja b'atmosfera ta' mħabba u affezzjoni.

Illum il-ġurnata naraw attakki suwiċida minn dawk li jsejħu lilhom infushom Jiħadi sabiex iweġġgħu s-suldati tal-għadu biss, imma fil-fatt Musulmani sħabhom qegħdin jinqatlu wkoll f'dawn l-attakki. Dan huwa ħażin. Huwa fid-dmir tal-gvernijiet li jassiguraw il-paċi. Kull att mwettaq minn xi persuna li ma tagħmilx parti minn armata mhuwiex Ġiħad, iżda ribelljoni.

**Il-mistoqsija li qajjimt kienet dwar is-sinifikant tal-Ġiħad, u t-tweġiba hi li f'dan iż-żmien, il-Ġiħad li temmen fih il-Komunità Aħmadija Musulmana huwa r-riforma ta' dak li jkun.**

Din mhijiex xi idea ġdida; kienet imsemmija 1400 sena ilu mill-Fundatur tal-Iżlam wara li rritorna minn battalja, meta qal li aħna qegħdin nimxu minn Ġiħad minuri għal Ġiħad akbar, u dan il-Ġiħad akbar huwa l-Ġiħad li wieħed jirriforma lilu nnifsu, u li huwa dejjiemi u bla tmiem. Min-naħa l-oħra l-istat tal-gwerra ma jibqax jeżisti għal dejjem.

Il-Ġiħad veru huwa r-riforma tal-ħażen li jitwieled fi żminijiet ta' paċi u kumditġ. Il-qadi tal-umanità huwa l-Ġiħad veru u l-120 sena ta' storja tagħna, jiġifieri l-Komunità Aħmadija, jixhdu dan kollu. Aħna involuti ma' dan it-tip ta' Ġiħad.

Filwaqt li aħna qegħdin nippruvaw inressqu l-umanità aktar lejn il-Ħallieq, il-pjanijiet tagħna għall-iskejjel u l-isptarijiet, għall-bjar u l-pompi tal-ilma fil-pajjiżi tal-Afrika, l-Asja u f'pajjiżi foqra oħra mxerrda 'l hawn u 'l hinn fid-dinja, qegħdin ikomplu. Qegħdin ngħinu wkoll lil dawk li ġew affettwati minn diżastri naturali.

---

12 Noor-ul-Ħaq l-ewwel parti, Ruħani Khaża'in, it-8 volum, paġna 62.

13 Kaxti Nuħ, Ruħani Khaża'in, id-19-il volum, paġna 75.

14 Toħfa Qaisarija, Ruħani Khaża'in, it-12-il volum, paġna 280.

L-għaqda L-Umanità l-Ewwel[15] fil-Ġermanja għamlet ukoll xogħol tremend u meraviljuż f'dan ir-rigward billi għenet il-foqra u l-orfni, ħaffret il-bjar u pprovdiet l-elettriku. Filwaqt li jiggwidana f'din id-direzzjoni, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija jgħid:

"

***F'dan iż-żmien, jiena speċifikament nagħti struzzjonijiet lill-Komunità tiegħi, li taċċettani bħala l-Messija Mwiegħed, li dejjem għandhom joqogħdu 'l bogħod minn dawn id-drawwiet ħżiena. Alla bagħatni bħala l-Messija Mwiegħed u libbisni l-libsa tal-Messija, bin Marija.***

***Jiena, għalhekk, inwiddibkom: Oqogħdu 'l bogħod mill-ħażen u uru l-ħniena lejn l-umanità. Naddfu qalbkom mill-ħjiena u l-inkejja, u intom issiru bħal anġli b'dawn l-atteġġjamenti. Hija reliġjon maħmuġa u mhix qaddisa dik li hi nieqsa mis-simpatija lejn l-umanità u mniġġes huwa l-passaġġ mimli b'mibegħda msejsa fuq xewqat egoistiċi... Uru l-ħniena lejn kulħadd għall-imħabba t'Alla sabiex magħkom issir il-ħniena fil-ġenna. Ejjew, u jien ngħallimkom mod kif id-dawl tagħkom jista' jisboq fuq dwal oħra. Warrbu kull mibegħda u għira u uru l-ħniena lejn l-umanità, u ntilfu f'Alla.***

***Ġejt għandkom b'ordni: il-Ġiħad bis-sejf spiċċa mil-lum 'il quddiem, imma l-Ġiħad li jsaffi l-erwieħ għandu jkompli. Dan mhux qiegħed ngħidu minn żniedi. Din hija r-rieda ta' Alla.***

"

Imbagħad isemmi t-tradizzjoni tal-Profeta Qaddis tal-Iżlam:

"

***Meta jiġi l-Messija dan ixejjen u jtemm kull gwerra reliġjuża.***

Hu jissokta jgħid:

***Minħabba f'hekk, allura jiena nikkmanda lil dawk li ngħaqdu miegħi sabiex iwarrbu kull ħsieb dwar dan, inaddfu qlubhom, jinkoraġġixxu s-simpatija u juru ħniena lejn il-batut. Għandhom ixerrdu l-paċi madwar id-dinja għaliex b'riżultat ta' dan għandha tinfirex aktar il-fidi tagħhom.[16]***

"

Jekk ningħaqdu f'dan il-Ġiħad mingħajr ebda ostakli, huwa għaliex f'din is-sistema spiritwali aħna magħqudin bħala katina bit-tmexxija tkun l-id tal-Khilafat tal-Messija ta' din l-era. L-għaqda li teżisti bejn il-membri u l-Kalifat iġġegħilna nimxu dejjem aktar fuq it-tagħlim li twassal lilna mill-Messija ta' Muħammad (il-paċi miegħu). Dan it-tagħlim jgħinna nonoraw u nattwaw id-drittijiet li aħna obbligati nuru lejn Alla li Jista' Kollox u dak kollu li huwa ħolqien tiegħU, sabiex inħottu l-ħitan ta' mibegħda, u nferrxu l-fwieħa tal-imħabba u l-affezzjoni.

Minn dawk is-siltiet li qrajtilkom, bħala semmiegħa edukati, issa li ġibtkom konxji tal-messaġġ preċiż tal-Iżlam, għandkom tiddeċiedu għalikom infuskom jekk l-Iżlam iwassal messaġġi ta' terroriżmu jew ta' paċi u sigurtà. La huwa tajjeb u lanqas ġust li reliġjon tiġi kkundannata minħabba azzjonijiet ta' xi grupp jew ftit individwi.

Għalhekk, inħeġġiġkom taħdmu għall-ġustizzja ma' dawk kollha li tkunu magħhom f'ħajjitkom. Dan ukoll ikun Ġiħad veru daparti tagħkom imma ovvjament ma jagħmilkomx membri ta' xi organizzazzjoni tal-Ġiħadi.

Grazzi talli qgħadtu tisimgħuni.



15 *Humanity First* hi għaqda nongovernattiva registrata f'25 pajjiż. Ilha taħdem fuq proġetti għall-iżvilupp tal-umanità u tagħti l-appoġġ tagħha sa mill-1992. Aktar minn 93% tal-fondi li jinġabru f'isem l-organizzazzjoni jmorru għal proġetti umanitarji. *Humanity First* titmexxa minn voluntiera. Aktar tagħrif jista' jinstab fuq is-sit elettroniku: **www.humanityfirst.org**

16 Il-Gvern Britanniku u l-Ġiħad, Ruħani Khaza'in, is-17-il volum, pagni 14 -15.



# Bniedem ta' Paċi

Fit-22 t'April 2003, fil-Moskea ta' Fażal f'Londra, Mirża Masroor Aħmad (Mirza Masroor Ahmad) inħatar bħala l-ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana li hi mxerrda mad-dinja kollha. Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Dak li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti.

"Wara din id-deskrizzjoni qasira, se nerġa' lura għall-għan fundamentali tat-twaqqif tal-Komunità Aħmadija Musulmana … hija impenjata biex toħloq il-paċi fid-dinja u ma tista' qatt tieqaf milli tgħin l-umanità sofferenti...

"Għal dawn l-aħħar mitt sena, il-Komunità Aħmadija Musulmana ilha sservi lid-dinja taħt id-direzzjoni ta' dan it-tagħlim ġenwin tal-Iżlam. Il-Komunità Aħmadija ilha sservi lill-umanità fil-bżonn – mingħajr ma tagħti kas tal-kast, tal-kulur jew tat-twemmin." (*Diskors mogħti fiċ-Ċentru tal-Konferenzi Reġina Eliżabetta II, Londra, fl-10 ta' Ġunju 2008*)

**The True Concept Of Jihad**
The Keynote address by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jama'at, delivered on August 23, 2008, at the Annual Convention of the Ahmadiyya Muslim Jama'at, Germany.
Translated into Maltese from English by Ahmadiyyav Muslim Jama'at, Malta. First published in Malta in 2011.
© Islam International Publications Limited.
Published by: Islam International Publications Limited, "Islamabad", Sheephatch Lane, Tilford, Surrey GU10 2AQ, United Kingdom
Printed in Malta.
ISBN: 978-1-84880-669-6
For further information please contact:
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Mob: (+356) 79320139, Email: amjmalta@gmail.com, www.ahmadija.org.mt, www.ahmadiyyamalta.org

# Il-Komunità Aħmadija Musulmana Malta

Għal iktar informazzjoni:

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadija.org.mt
Email: amjmalta@gmail.com
Mob: +356-79320139
Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105





**Imħabba għal Kulħadd**
**Mibegħda għal Ħadd**

This is a Maltese translation of a keynote address by Hadhrat Mirza Masroor Ahmad, Head of the worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat, on the topic of "The True Concept of Islamic Jihad", delivered at the Annual Convention Germany on 23 August, 2008.

Language: Maltese - First Edition: 2011
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta